

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/102****tad-19 ta' Jannar 2018****li temenda l-Anness II tad-Deċiżjoni 93/52/KEE fir-rigward tar-rikonoxximent tal-Komunitajiet Awtonomi ta' Aragona u tal-Katalonja fi Spanja bħala reġjuni uffiċjalment ħielsa mill-bruċellożi (*B. melitensis*)**

(notifikata bid-dokument C(2018) 159)

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/68/KEE tat-28 ta' Jannar 1991 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju tan-nagħaġ u tal-mogħoż <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari t-Taqsima II tal-Kapitolu 1 tal-Anness A tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 91/68/KEE tiddefinixxi l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ tal-annimali ovini u kaprini fl-Unjoni. Din tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li permezz tagħhom l-Istati Membri jew ir-reġjuni tagħhom jistgħu jiġu rikonnoxxuti bħala uffiċjalment ħielsa mill-bruċellożi (*B. melitensis*).
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/52/KEE <sup>(2)</sup> telenka, fl-Anness II tagħha, ir-reġjuni tal-Istati Membri li huma rikonnoxxuti bħala uffiċjalment ħielsa mill-bruċellożi (*B. melitensis*) skont id-Direttiva 91/68/KEE.
- (3) Spanja ressqet dokumentazzjoni lill-Kummissjoni li tixhed il-konformità tal-Komunitajiet Awtonomi ta' Aragona u tal-Katalonja mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 91/68/KEE għall-istatus ta' uffiċjalment ħielsa mill-bruċellożi (*B. melitensis*) fir-rigward tal-merħliet ovini u kaprini.
- (4) Wara l-evalwazzjoni tad-dokumentazzjoni mressqa minn Spanja, il-Komunitajiet Awtonomi ta' Aragona u tal-Katalonja jenħtieġ li jiġu rikonnoxxuti bħala uffiċjalment ħielsa mill-bruċellożi (*B. melitensis*) fir-rigward tal-merħliet ovini u kaprini.
- (5) Għalhekk l-entrata għal Spanja fl-Anness II tad-Deċiżjoni 93/52/KEE jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness II tad-Deċiżjoni 93/52/KEE huwa emendat b'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Jannar 2018.

*Għall-Kummissjoni*  
Vytenis ANDRIUKAITIS  
*Membru tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠUL 46, 19.2.1991, p. 19.<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/52/KEE tal-21 ta' Diċembru 1992 li tieħu nota tal-konformità ta' ċerti Stati Membri jew reġjuni mal-kundizzjonijiet li jirrigwardaw il-bruċellożi (*B. melitensis*) u li tagħtihom l-istatus ta' Stat Membru jew reġjun uffiċjalment hiels mill-marda (ĠUL 13, 21.1.1993, p. 14).

## ANNEX

Fl-Anness II tad-Deċiżjoni 93/52/KEE, l-entrata għal Spanja tinbidel b'dan li ġej:

“Fi Spanja:

- Il-Komunità Awtonoma ta' Aragona,
  - Il-Komunità Awtonoma tal-Asturji,
  - Il-Komunità Awtonoma tal-Gżejjer Baleariċi,
  - Il-Komunità Awtonoma tal-Gżejjer Kanarji,
  - Il-Komunità Awtonoma tal-Cantabria,
  - Il-Komunità Awtonoma ta' Kastilja-La Mancha: il-Provinċji ta' Albacete, Cuenca u Guadalajara,
  - Il-Komunità Awtonoma ta' Kastilja u León,
  - Il-Komunità Awtonoma tal-Katalonja,
  - Il-Komunità Awtonoma ta' Extremadura,
  - Il-Komunità Awtonoma tal-Galicia,
  - Il-Komunità Awtonoma ta' La Rioja,
  - Il-Komunità Awtonoma ta' Navarra,
  - Il-Komunità Awtonoma tal-Pajjiż Bask,
  - Il-Komunità Awtonoma ta' Valenzja.”
-